Minuti tas-seduta numru erbgħa (4) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 18 ta' Settembru, 2024 f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rodolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

04.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Presendenza

Inqrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Paul Grech. Din ġiet aċċettata b'vot unanimu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien.

04.02.01 **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta preċedenti** Minuti

Il-minuti tas-seduta numru tlieta (3) kienu proponuti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u approvati unanimament wara li l-membri qablu li tidħol emenda tas-Sur Nazju Cassar bix-xogħlijiet li indika li hemm bżonn isiru f'Tal-Virtù.

**Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa (Triq Gorg Borg Olivier)** Triq GBO

Il-minuti tas-seduta ad hoc li nżammet dwar Triq Ġorg Borg Olivier kienu approvati unanimament wara li kienu proposti mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u:
*se jitniżżel li is-Sa Charmaine Balzan ma setgħetx tkun magħna dak in-nhar għax kienet 'il barra minn xtutna u wara li nbidel il-kunjom tas-Sinjura Graziella Brincat u wkoll wara li sarulhom emendi mis-Sindku u li nkitbu dak il-ħin mis-SE.*

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u s-SE is-Sur Anthony Bonello issejħu għal-laqgħa ġewwa Trasport Malta dwar din it-triq. Il-proposta kif kien antiċipat kienet illi ssir *one way*, min-nofsha 'l quddiem bit-traffiku kollu jidħol fi Triq tal-Virtu, u jgħaddi mil-vilel Tal-Virtù għal Triq Ħal Tartarni. Din ma kienetx aċċettata mil-Kunsill u sadanittant qed nitolbu lill-pubbliku jagħmel is-sottomissjonijiet bl-idejat tiegħu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus saħaq illi din it-triq m'għandiex tiġi diskussa f'iżolament iżda flimkien mal-effett fuq l-immaniġġjar tat-traffiku f'toroq oħra, li se jkunu impattati bid-deċiżjonijiet li għad iridu jittieħdu.

04.03 **Knis ta' toroq urbani** Knis tat-Toroq

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE sabiex jagħmel kuntatt dak il-ħin fuq teams mas-Sur Duncan Hall li kien qed jirrappreżenta lid-Dipartiment għall-Indafa u l-Manutenzjoni sabiex ikun hemm diskussjoni dwar il-proposta tagħhom biex iħaddmu

l-kuntratt tal-knis tat-toroq fir-Rabat wara li skada l-kuntratt li kellu l-KLR ma' A83 Ltd.

Wara li t-Teams Meeting dam sas-6:40pm u fih il-kunsillieri kollha kellhom iċ-ċans li jagħmlu l-mistoqsijiet li dehrilhom li kien propizju, kien deċiż b'vot unanimu illi mill-1 ta' Ottubru 2024 sat-30 ta' Settembru 2025, il-kuntratt ikun imħaddem mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni

- b'għaxar kenniesa,
- b'makkinarju tat-tindif u l-ħasil tat-toroq li ma jniġġisx
- Inkluż is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd filgħodu fit-toroq turistiċi
- Jaħdmu wkoll jekk hemm bżonn fuq sistema ta' *shift*
- Ikun hemm *supervisor* mal-ħaddiema
- It-tindif ikun ukoll waqt l-attivitajiet kollha li jsiru fir-Rabat kemm fuq livell reliġjuż kif ukoll ċivili
- għal €100,000 p.a.

04.04 **Aċċident b'vettura - talba għal rimbors** — Inċident fuq vettura

Is-SE ressaq il-każ tas-Sur Anthony Borg li allegatament seħħ nhar it-3 ta' Settembru 2024 fuq vettura Renault Megane li qabdet kantun li kien fi Triq Glormu Dingli, ir-Rabat. Il-KLR ikkunsidra illi dan ġara għaliex xi ħadd li ma nafux min hu, tefa' kantun barra illegalment. Il-KLR ikkunsidra illi l-inċident seħħ fid-dawl tax-xemx u mhux bil-lejl u għaldaqstant dan seħħ b'negliġenza da parti tax-xufier. Ir-rapport tal-Pulizija 10/POL/4033/2024 li sar dak in-nhar stess li seħħ l-allegat inċident, ma jsemmix li dan kollu kien verifikat mil-Pulizija li marru fuq il-post. Il-KLR mhux qed jieħu r-responsabbilità ta' dan l-aċċident.

04.05 **Twettieq tal-iskema tad-Dip Gvern Lokali - Tender tas-Solar CCTVs** — Cctv s

Ġiet magħżula b'vot unanimu l-offerta ta' €4,600 ta' ISPY tas-Sur J Borg. Dan għaliex il-KLR se jwaqqa' t-tender li kien ħareġ biex iwaħħal cctv's solari fil-Pjazza tal-Parroċċa, minħabba li kienu se jkunu *eye-sore* bil-pannelli fuqhom fl-aktar post sensittiv tar-Rabat. Din l-istallazzjoni se tkun qed tinkludi sitt cameras, wi-fi pubbliku, wireless bridge biex jikkomunika mas-cctv eżistenti tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita. Din il-proposta kienet imressqa mis-Sur Terrence Sant u ssekondata mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u approvata unanimament.

04.06 **Tweġiba tal-*Management Letter* għas-sena 2023** — Ye 2023

Kienet imħejjija t-tweġiba tal-management letter tas-sena 2023 u kienet approvata b'vot unanimu.

04.07 **Clean Up 2024** — Clean Up 2024

Dwar il-Clean Up 2024, li se ssir talba lir-Reġjun Punent biex din tkun posposta għal data oħra, għaliex il-25 ta' Settembru, u taħbat l-ewwel ġurnata tal-iskola u t-tfal mhux se jikkonkorru.

04.08 **Tħejjijiet għall-attività Kulturali - Rabat Sacrum** — Rabat Sacrum

Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq l-attività Rabat Sacrum u qal li l-programm hu kważi magħluq. Dwar tiżjin tat-toroq għal din l-attività s-Sindku qal li tkellem mal-organizzaturi tan-Natalis Notabilis u wegħduna li se jarmaw Triq San Pawl minn Chalk Caffee 'l isfel, Pjazza L'Isle Adam u Triq San Ġuzepp. Sadanittant se tinħoloq *Event Page* u qed jitlestew ir-*reels* għal fuq il-*facebook* bħala promozzjoni. Is-Sur Rudolph Grima esebixxa l-poster tal-attività fuq it-telefon ċellulari tiegħu u dan intogħġob minn kulħadd.

04.09 **Restawr tal-Binja, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li issa wasalna biex nagħmlu l-migrazzjoni. Qed nistennew li tidħol l-għamara l-purtieri, u fadal xi ftit tentufiet dwar konnessjonijiet tal-MITA, t-twaħħil tal-PABX u s-settijiet tat-telefons fuq l-iskrivanijia ecc.

Restawr tal-Binja tal-Kunsill

04.10 **ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/07/2024 Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi**

Ma kienetx trattata

04.11 **Skeda tal-Pagamenti (362) u dik tax-xiri u servizzi (80)**

Kienet approvata b'vot unanimu l-iskeda tal-pagamenti fuq imsemmija u dik tax-xiri ta' servizzi u prodotti.

Skeda tal-Pagamenti

04.12 **Data u ħin tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li jmiss**

Il-laqgħa li jmiss tal-KLR se ssir nhar is-16 ta' Ottubru fis-6:00pm. Din il-laqgħa aġġornat fit-8:45pm.

Aġġornament

04.13 **Punti Oħra**

** Mis-7:40pm 'il quddiem kien għad fadal quorum b'dawn il-membri:
Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, is-Sa Charmaine Balzan, is-Sur Nazju Cassar,is-Sur Norbert Grech u s-Sur Terrence Sant.

Is-Sa Charmaine Balzan talbet sabiex jinġiebu stimi biex isiru l-bnadar mil-ġdid tal-Kunsill, tal-Ewropa, ta' Malta u tar-Reġjun għaliex dak li kienu fuq il-palk f'Jum ir-Rabat ma kienux sbieħ.

Bnadar ġodda

Is-Sur Norbert Grech ippropona biex isiru żewġ *gates* ġodda fil-ġnien tal-Baħrija minħabba nuqqas ta' sigurtà. Tkellem ukoll fuq ir-rampa tal-latrini li qed issirilhom *refurbishment* u qal li din trid tkun akkumpanjata bi *drop kerb.*

Il-Baħrija

Is-Sur Norbert Grech tkellem fuq il-bżonn li tissemma' triq f'Binġemma fejn il-KLR kien qabel li jkun jisimha Triq il-Kampanja.

Binġemma

Is-Sur Norbert Grech ippropona li ssir *roundabout* f'Tas-Salib, f'salib it-toroq mad-Dwejra, it-Torri tan-Nadur viċin l-eks fabbrika tal-faqqiegħ f'wesgħa li tagħmel is-sit possibbli li tinbena' din fih. Trid issir talba lil Trasport Malta (TM).

Tas-Salib

Kien hemm proposta li ssir *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira bejn il-ħanut Baxa u l-ħanut Santa Lucia. Trid issir talba lil TM.

Triq il-Kbira

Is-Sur Terrence Sant tkellem fuq il-parkeġġ speċjalment fil-festi li qal li hu problema speċjalment għar-residenti. Hu saħaq fuq *timed parking* u wkoll *residential parking*. Tkellem ukoll fuq in-neċessità li jsir ir-*road marking* fi Triq Santa Barbara għaliex dan iċċara ħafna u bil-kemm għadu jidher.

Nuqqas ta' parkeġġ u linji tat-traffiku

Is-Sa Charmaine Balzan talbet sabiex titwaħħal mil-ġdid it-tabella li kienet inqalgħet fi Triq Santa Barbara u għadha fis-sala tal-Kunsill.

Tabella

Is-Sa Charmaine Balzan kienet ressqet talba biex isiru (jitwalu) double yellow lines fi Triq Pietru Gristi, f'Għar Barka wara numru ta' ilmenti minn

Għar Barka Traffic Management

residenti, li anke qed isibu diffikulta joħorġu mill-garaxx tagħhom. Intant sar suġġeriment traffic management b'tali mod li se jkun mgħoddi lil TM b'dan il-mod kif jidher ma' dawn il-minuti. Kien hemm qbil li minn Triq Pietru Gristi ma jista' jgħaddi ħadd, aħseb u ara kemm se joħorġu u jidħlu l-vetturi komdi fil-garage. F'din it-triq għandu jkun indikat b'mod ċar fejn wieħed jista' jipparkja. Intqal ukoll li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti.

CORRECTED BY CHARMAINE BALZAN

Is-Sur Nazju Cassar talab illi kull kunsillier ikollu l-*budget* tiegħu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li dan ma jfissirx illi kull kunsillier ikollu l-fakulta' li jonfoq kif irid u għand min irid, minkejja li il-kunsillier għandu d-dekasteru speċifiku.

Budget vs Dekasteru

Is-Sur Nazju Cassar irrefera għall-programm tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) fejn hu daħħal numru ta' bankini. Hu qal li għandu dubju kemm se jkunu f'pożizzjoni li dawn se jonoraw dawn it-talbiet kollha ta' xogħol, filwaqt li s-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi dan hu *frame works agreement* li l-PWD se jkunu qed iqabbdu kuntratturi privati bħalma għamlu fuq il-bankina ta' quddiem l-iskola Primarja ftit tax-xhur ilu. Is-Sur Nazju Cassar insista biex noħorġu tender biex jitranġaw it-toroq u l-bankini filwaqt li intqal li ħafna toroq saru minn Infrastruttura Malta fil-leġislatura li għaddiet, minkejja li hemm oħrajn li huma mdaħħla fil-pjan tax-xogħlijiet tagħhom.

Programm ta' xogħlijiet

Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet dwar il-bżonn li l-Kunsill Lokali jkollu 'one stop shop' li jieħu ħsieb il-corporate tal-Kunsill Lokali fejn ikun punt ta' referenza għall-attivitajiet kollha tal-Kunsill Lokali u b'hekk tkun iktar faċli għall-kunsillieri jaħdmu fuq kif se jippromwovu l-attivitajiet tal-Kunsill filwaqt li jkun hemm uniformità u dehra professjonali.

Business Cards

CORRECTED BY CHARMAINE BALZAN

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 16 ta' Ottubru 2024 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku